# ZEROCO2 - PROMOTION OF NEAR ZERO CO2 EMISSION BUILDINGS DUE TO ENERGY USE

*"Intejbu s-settur tal-bini billi nsaħħu l-miżuri favur l-ambjent, l-użu ta' enerġija nadifa, us-servizzi uu mudelli ta' negozji li jħarsu u jsaħħu s-sostenibilità tal-enerġija"*

## *It-tranżizzjoni tal-enerġija fil-bini - opportunità*

Id-direttiva EPBD titlob li wara l-2020 kull binja ġdida trid tkun '*nearly zero energy*', waqt li kull binja pubblika gdida trid tilhaq dil-mira wara 2018, biex tkun ta' ezempju. Għalkemm dan l-aħħar, ingħatat enfasi lill-miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn binjiet ġodda, l-istokk tal-binjiet eżistenti baqa' kważi mhux mittiefes u l-proġetti ta' tibdil li qegħdin iseħħu, qegħdin jitilfu l-opportunità biex jitnaqqsulhom l-emissjonijiet u jkunu kważi 'zero $CO_2$'. Il-proġett '*ZEROCO2*' se jiddefinixxi xi tfisser bini b'emissjonijiet "*Near Zero* $CO_2$" minħabba l-użu tal-enerġija (NZ$CO_2$EB) u se jippreżenta l-benefiċċji varji li jirriżultaw minn dan it-tip ta' bini. Permezz ta' kooperazzjoni interreġjonali, r -reġjuni se jiddefinixxu, jaqsmu u jittrasferixxu metodoloġiji, teknoloġiji u proċessi innovattivi kif ukoll prattiċi tajba fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni sabiex jiġi implimentat bini b'emissjonijiet żero.

## *It-tieni laqgħa bejn l-imsieħba tal-proġett f'Berlin 14-15 Settembru 2018*

L-imsieħba tal-proġett flimkien ma' l-imsieħba Maltin (UOM) ippreżentaw l-istudju reġjonali tagħhom dwar l-użu tas- 'Sorsi tal- Enerġija Rinnovabbli' (RES). Punt interessanti huwa d-dipendenza għolja mill-użu ta' sorsi tal- '*biomass*' għal ħafna mill-imsieħba fil-proġett ZERCO2 sabiex jilħqu l-miri tal- RES. Barra minn hekk, Kreta li għandha klima simili għal dik ta' Malta, għandha kontribut akbar ta' enerġija li tiġġedded mis - '*solar water heating*' meta kkomparat mal-panelli fotovoltajċi. Dan huwa different mix-xenarju f'Malta. Studju ta' NZCO2EB ta' lukanda tat- tip '*boutique*' f'Malta ġie wkoll ippreżentat fil-laqgħa. Intwera li l-produzzjoni tal-ilma sħun tikkonsma l-maġġoranza tal-enerġija u li t-tnaqqis ta' 75% fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal-lukanda meta mqabbel ma' lukanda tipika huwa possibbli. Dan it-tnaqqis fl-emissjonijiet jinkiseb prinċipalment bl-installazzjoni ta' 'PVs (pannelli fotovoltajċi?) fuq il-bejt u fuq il-faċċata u billi jiġu installati '*heat pumps*' li jsaħħnu l-ilma. Wieħed irid madwar 9 snin biex iġib il-flus investiti lura.

## Ġrajjiet kurrenti:

It-tieni laqgħa bejn l-imsieħba tal-proġett saret f'Berlin, il-Ġermanja u kienet imtellgħa mill-EIFI bejn il-14 u l-15 ta' Settembru 2016.



L-ewwel laqgħa bejn l-*istakeholders* kienet organizzata f'Settembru fil- kampus tal-Università ta' Malta, ġewwa l- Belt Valletta sabiex jiġi spjegat il-proġett lill-*istakeholders* u biex jiġu ppreżentati r-riżultati tal-ewwel studji.



It-tieni laqgħa bejn l-*istakeholders* kienet organizzata fil 24 ta' Novembru 2016, fil-kampus tal-istitut għall-Enerġija Sostenibbli, f'Marsaxlokk fi ħdan l-Università ta' Malta. Din ittellgħet sabiex tiġi diskussa u titwettaq analiżi SWOT tal-miżuri li jappoġġjaw l-enerġija rinnovabbli u l-effiċċjenza tal-enerġija f'Malta.



Studju ta' NZCO2EB *boutique hotel* f'Malta jista' jinsab: https://www.youtube.com/watch?v=GtV-QUtoVxc

It-tul tal-proġett

Apr. 2016 - Mar. 2020

**Fondi ERDF:**

**€ 1,227,957.00**

## Avvenimenti li ġejjin:

'*Workshop*' reġjonali se jiġi organizzat fit 23 ta' Frar 2017.

ZEROCO2 Interreg Europe | EU funds for Malta 2014 2020 | Interreg Europe

European Union | European Regional Development Fund

## *L-ewwel laqgħa bejn l-'istakeholders'*

L-ewwel laqgħa bejn l-i*stakeholders* saret fid- 9 ta' Settembru 2016 fil- kampus tal-Università ta' Malta, fil-Belt Valletta. Diversi *stakeholders* ġew mistiedna u attendew il-laqgħa inkluż l-aġenzija tal - enerġija u l-ilma u l-'*building regulations office'*. Memorandum ta' ftehim ġie ffirmat ma' dawn iż-żewġ entitajiet għal dan il-proġett. Ġew diskussi wkoll l-għanijiet tal-proġett ZEROCO2, inklużi l-istudji li ġew ippreżentati fit- tieni laqgħa bejn l-imsieħba tal-proġett li saret f'Berlin.

## *It-tieni laqgħa bejn l-'istakeholders' u t-triq 'il quddiem*

It-tieni laqgħa bejn l-i*stakeholders* saret fl-24 ta' Novembru 2016, fl-iStitut għall-Enerġija Sostenibbli, f'Marsaxlokk. Diversi '*stakeholders*' attendew il-laqgħa. L-għan ta 'din il-laqgħa kien li jiġu analizzati l-miżuri li jappoġġjaw l-enerġija rinnovabbli u l-effiċċjenza tal-enerġija f'Malta. Ġew identifikati l-motivazzjonijiet, l-ostakli u l-opportunitajiet fir-rinnovar ta' bini pubbliku għall-NZCO2EB kif ukoll ġew identifikati l-modi u l-miżuri ta' kif l-ostakli differenti jistgħu jiġu megħluba u l-opportunitajiet jissaħħu. L-i*stakeholders* ġew mistiedna biex jimlew kwestjonarju sabiex jiġu identifikati liema mill-miżuri varji għandhom jingħataw prijorità fit-tranżizzjoni għall-NZCO2EB. Rapport reġjonali ibbażat fuq il- punti li tqajmu f'din il laqgħa, se jkun ippubblikat . '*Workshop*' reġjonali se jiġi organizzat fi Frar 2017. Dettalji dwar l-avveniment se jkunu disponibbli fuq il-midja soċjali aktar 'il quddiem.

## Għal aktar informazzjoni:

Eur Ing Dr Charles Yousif
jew
Ing. Damien Gatt

'Institute for Sustainable Energy'
Barrakki Street
Marsaxlokk
MXK 1531
Malta

charles.yousif@um.edu.mt
Tel. 2340 7831
damien.gatt@um.edu.mt
Tel. 2340 7847

Is-sit elettroniku:
http://www.interregeurope.eu/zeroco2/

Facebook:
https://www.facebook.com/ZeroCo2-Interreg-Europe-Project-1112926325417193/?fref=ts

LinkedIn:
https://www.linkedin.com/groups/8538366

Twitter:
https://twitter.com/ZeroCo2_Project

**Project Partners:**

Lead Partner: 1. LOCAL ENERGY AGENCY SPODNJE PODRAVJE (Slovenja)

2. MEDITERRANEAN AGRONOMIC INSTITUTE OF CHANIA (Grecja)

3. MOLISE REGION (Italja)

4. MUNICIPALITY OF KAUNAS DISTRICT (Litwanja)

5. EUROPEAN INSTITUTE FOR INNOVATION (Germanja)

6. THERMOPOLIS LTD. (Finlandja)

7. AGENCY FOR SUSTAINABLE MEDITERRANEAN CITIES AND TERRITORIES (Franza)

8. UNIVERSITY OF MALTA (Malta)